# It-Tieni Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Tkellem, Mulej, għax il-qaddej tiegħek qiegħed jisma'.*

1 Sam 3, 3b-10.19

**Qari mill-Ewwel Ktieb ta' Samwel**

F'dak iż-żmien, [3]Samwel kien mimdud fit-tempju tal-Mulej, fejn kien
hemm l-arka ta' Alla.

[4]Il-Mulej sejjaħ: «Samwel!» U dan wieġeb: «Hawn jien!» [5]U mar
jiġri għand Għeli. «Hawn jien,» qallu, «għalfejn sejjaħtli?» «Ma
sejjaħtlekx,» wieġeb, «erġa' mur imtedd.» U raġa' mar jorqod.

[6]U ssokta l-Mulej isejjaħ: «Samwel!» U Samwel qam u mar għand
Għeli u qallu: «Hawn jien! Għalfejn sejjaħtli?» «Ma sejjaħtlekx, ibni,»
wieġeb, «erġa' mur orqod.» [7]Samwel kien għadu ma għarafx il-Mulej,
u anqas kienet għadha ma ttgħarrfitlu l-kelma tal-Mulej.

[8]U ssokta l-Mulej isejjaħ: «Samwel!» għat-tielet darba. U dan qam, u
mar għand Għeli, u qallu: «Hawn jien! Għalfejn sejjaħtli?» U Għeli
fehem li l-Mulej kien qiegħed isejjaħ iż-żagħżugħ. [9]U qal lil Samwel:
«Mur orqod. Jekk jerġa' jsejjaħlek, wieġeb: Tkellem, Mulej, għax
il-qaddej tiegħek qiegħed jisma'.» U Samwel mar jorqod f'postu.

[10]U l-Mulej ġie, waqaf ħdejh, u sejjaħ bħal drabi oħra: «Samwel!
Samwel!» U Samwel wieġeb: «Tkellem, għax il-qaddej tiegħek
qiegħed jisma'.»

[19]Samwel kiber, u l-Mulej kien miegħu, u ma ħalla ebda kelma milli
qal tmur fix-xejn.

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 39 (40), 2.4ab. 7-8a. 8b-9.10

R/. (8a.9a): Hawn jien, Mulej, ġej nagħmel ir-rieda tiegħek

2 Ittamajt b'tama qawwija fil-Mulej;
hu niżel ħdejja u sama' l-għajta tiegħi.
4 Qegħedli fuq fommi għanja ġdida,
għanja ta' tifħir lil Alla tagħna. R/.

7 Int ma titgħaxxaqx b'sagrifiċċji u offerti;
imma widnejja inti ftaħtli;
ma tlabtnix vittmi tal-ħruq u tat-tpattija.
8 Imbagħad jien għedt: «Hawn jien, ġej.» R/.

«Fil-bidu tal-ktieb hemm miktub fuqi
9 li nagħmel ir-rieda tiegħek.
Alla tiegħi, dan jogħġobni;
il-liġi tiegħek ġewwa qalbi.» R/.

10 Xandart il-ġustizzja f'ġemgħa kbira;
xufftejja ma żammejthomx magħluqa.
Mulej, dan inti tafu. R/.

# Qari II

*L-iġsma tagħkom huma membri ta' Kristu.*

1 Kor 6, 13c-15a. 17-20

**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin**

Ħuti, [13]il-ġisem mhuwiex għaż-żína iżda għall-Mulej, u l-Mulej huwa
għall-ġisem. [14]U Alla qajjem il-Mulej u jqajjem lilna wkoll bil-qawwa
tiegħu.

[15]Ma tafux li l-iġsma tagħkom huma membri ta' Kristu? [17]Min
jingħaqad mal-Mulej hu ruħ waħda miegħu. [18]Aħarbu ż-żína! Kull
dnub li wieħed jagħmel hu 'l barra minn ġismu, iżda min jagħmel
iż-żína jkun qiegħed jidneb kontra ġismu stess.

[19]Jew ma tafux li ġisimkom hu tempju tal-Ispirtu s-Santu, li jinsab
jgħammar fikom, li għandkom minn Alla? Ma tafux li intom
m'intomx tagħkom infuskom? [20]Bil-għoli kontu mixtrija! Mela agħtu
ġieħ lil Alla permezz ta' ġisimkom.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Ġw 1, 41,17b

Hallelujah. R/. Hallelujah
«Sibna l-Messija:»
Il-grazzja u l-verità seħħu permezz tiegħu.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Marru u raw fejn kien jgħammar il-Mulej.*

Ġw 1, 35-42

## ✠ Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann

F'dak iż-żmien, 35Ġwanni kien hemm ma' tnejn mid-dixxipli tiegħu.
36Ħares lejn Ġesù li kien għaddej minn hemm, u qal: «Araw il-Ħaruf
ta' Alla.» 37Iż-żewġ dixxipli semgħuh jgħid dan, u marru wara Ġesù.

38Ġesù dar u rahom mexjin warajh, u qalilhom: «Xi tridu?» Iżda
huma staqsewh: «Rabbi» – li tfisser, Mgħallem – «fejn toqgħod?» .
39Hu weġibhom: «Ejjew u taraw.» U marru miegħu u raw fejn kien
joqgħod, u dak in-nhar baqgħu miegħu. Kien ħabta tal-erbgħa ta'
waranofsinhar.

40Wieħed mit-tnejn li semgħu x'kien qal Ġwanni u marru wara Ġesù
kien Indrì, ħu Xmun Pietru. 41L-ewwel ma għamel mar isib lil ħuh
Xmun, u qallu: «Sibna l-Messija» – li tfisser Kristu. 42U ħadu għand
Ġesù. Ġesù ħares lejh u qallu: «Inti Xmun, bin Ġwanni. Inti tissejjaħ
Kefa» – jew Pietru.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu